**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2020 – Exploitatiemaatschappij De Berghaaf vs EUIPO – Brigade Electronics Group (CORNEREYE)**

**(Kawża T-688/18)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali CORNEREYE – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti BACKEYE – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Karattru distintiv miżjud tat-trade mark preċedenti akkwistat bl-użu – Provi – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Eżami ex officio tal-fatti – Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001")***

(2020/C 137/73)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Exploitatiemaatschappij De Berghaaf BV (Barneveld, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: R. Pansch, S. Klopschinski u M. von Rospatt, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lukošiūtė u H. O'Neill, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Brigade Electronics Group plc (Kent, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Hicks, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Lulju 2018 (Każ R 1966/2017-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Brigade Electronics Group u Exploitatiemaatschappij De Berghaaf.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-24 ta' Lulju 2018 (Każ R 1966/2017-1) hija annullata.

2) L-EUIPO għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, l-ispejjeż sostnuti minn Exploitatiemaatschappij De Berghaaf BV, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn Exploitatiemaatschappij De Berghaaf għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

3) Brigade Electronics Group plc għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

(1) ĠU C 24, 21.1.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2020 – Dekoback vs EUIPO – DecoPac (DECOPAC)**

**(Kawża T-80/19)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' revoka – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea DECOPAC – Użu ġenwin tat-trade mark – Artikolu 51(1)(a) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 58(1)(a) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Provi – It-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saret it-tieni sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001) – Dritt għal smigħ xieraq")***

(2020/C 137/74)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Dekoback GmbH (Helmstadt-Bargen, il-Ġermanja) (rappreżentant: V. von Moers, avukat)